Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

# Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 32

**Data:** Il-Ħamis, 16 t' April 2020
**Ħin:** 17:00
**Post:** Online – Microsoft Teams

**Preżenti**:

Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur. Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Perit Graziella Galea – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru

**Skużati:**
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**

Snr. Lianne Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**32.1 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-ittri tal-Apoloġija**

32.1.1 Is-Segretarja preżentat l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Jesmond Aquilina.

32.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv aċċetta l-apoloġija preżentata.

**32.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 31**

32.2.1 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.31.

32.2.2 Il-Perit Graziella Galea semmiet li fil-komunikazzjoni mill-President trid issir referenza għal-laqgħa li kien hemm bejn l-AKL u National Council of Women.

32.2.3 Fuq proposta tal-Perit Galea, il-President propona li dik il-materja tiġi inkluża fil-minuti u talab lis-Segretarja temenda l-minuti kif propost.

32.2.4 Fuq proposta tal-President, issekondata minn Chev Paul Farrugia u Dr. Samuel Azzopardi, l-Eżekuttiv approva l-minuti preżentati, il-minuti emendati kif propost jiġu preżentati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 33.

**32.3 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa Nu. 31**

| | |
|---|---|
| **32.3.1 Kalendarju AKL** | Il-President semma li bħal issa il-pjattaforma YouSafe kienet qed tingħata prijorita'. Biss pero qed issiru l-arranġamenti neċessarji biex dawn jibdew isiru. |
| **32.3.2 Ħaddiema ta' CIES** | Il-President semma li dawn l-intervisti għadhom pendenti minħabba s-sitwazzjoni preżenti kif ukoll minħabba l-vulnerabilita' li jista' jkollhom dawn l-applikanti kien deċiż li l-intervisti jiġi għalissa posposti għal kif is-sitwazzjoni tkun aktar favorevoli. |
| **32.3.4 Talba għal-Laqgħat mal-Onor Dr. Jose Herrera u l-Onor. Dr. Byron Camilleri** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni għamlet talba għall-laqgħa mal-Onor. Dr. Herrera u l-Onor. Dr. Camilleri. Il-President semma li kif tiġi kkomunikata data jinforma lill-Eżekuttiv. Semma wkoll li fid-dawl li kien hemm bidla wkoll ta' Shadow Ministry għall-Gvern Lokali, għaldaqstant l-Assoċjazzjoni ser tkun qed titlob ukoll laqgħa mal-Onor. Karl Gouder. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**32.4 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 32**

32.4.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Chev. Paul Farrugia u s-Sur Joe Cordina ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-13 ta' Marzu 2020 u l-14 t' April 2020 li kienet tammonta għall-€24,841.45.

32.4.2 Is-Sur Michael Fenech Adami talab li mill-iskeda jitneħħew l-ismijiet tal-impjegati li l-AKL ħalset f' salarji lill-Kunsill Lokali tal-Birgu.

**32.5 Pjattaforma YouSafe – COVID 19**

32.5.1 Il-President semma li l-iskop li għalih twaqfet din il-Pjattaforma kien biex għall-ewwel darba il-Kunsilli Reġjonali kif ukoll il-Kunsilli Lokali ikollhom l-opportunita' li jaħdmu flimkien. L-iskop ta' din il-pjattaforma huwa li noffru assistenza lir-residenti waqt il-perjodu li għaddejjin minnu u nibqgħu f' kuntatt kontinwu mar-residenti. Semma li hemm lokalitajiet li qed jaħdmu tajjeb u l-grupp tal-lokalita' tagħhom qiegħed jiffunzjona tajjeb, imma b' dispjaċir jgħid li għalih kienet disfatta għan-nuqqas ta' koperazzjoni li l-AKL qed issib mingħand Sindki, Kunsilliera u anki Segretarji Eżekuttivi sabiex din il-pjattaforma tiffunzjona hekk kif kien pjanat.

32.5.2 Il-President semma li dan l-eżerċizzju juri biċ-ċar li flimkien nilħqu aktar nies, sfortuatament jidher li għad hemm sens ta' protagoniżmu li jirrenja fost il-ħafna. Il-President semma li jekk il-Kunsilli mhumiex ser jingħaqdu 'l quddiem ser ikollhom jikkumbatu biex jieħdu lura r-responsabilitajiet dovuti lijlhom.

32.5.3 Is-Sur Michael Fenech Adami qabel mal-punti imsemmija mill-Presidenti peress li anki fit-tmexxija tiegħu fir-Reġjun Ċentru huwa jħoss li hemm Sindki, Kunsilliera u saħansitra Kunsilli li ma jħossuhomx li jagħmlu parti mir-Reġjun.

32.5.4 Chev. Paul Farrugia wera wkoll il-preokkupazzjoni tiegħu li hemm individwi fil-Kunsilli Lokali li ma jagħtux kas kemm dak li jagħmel ir-Reġjun kif ukoll dak li jkun għaddej ġewwa l-AKL.

32.5.5 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mill-Eżekuttiv, il-President semma li ser ikun qed jagħmel l-aħħar sforzi sabiex il-gruppi li jiffirmaw parti mill-pjattaforma jibqgħu kollha hemm. Biss pero jekk jara li dawn l-isforzi qed ikunu ta' xejn u 'huma jħallu l-ebda riżultat ser ikun qed ineħħi il-gruppi li mhumiex jiffunzjonaw.

32.5.6 Il-President semma wkoll li ser jerġa jkunu f' komunikazzjoni mal-ANSEK kif ukoll mas-Sindki dwar dan. Filwaqt li l-President talab lill-Presidenti Reġjonali sabiex jassistu f' din u jieħdu ħsieb biex jimmotivaw lill-Kunsilli Lokali tagħhom u jfhemu l-importanza li l-Kunsilli jaħdmu aktar flimkien.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

32.5.7 Il-President semma li l-Assoċjazzjoni mhix tħallas għal xi kontenut li qed jitella' fuq il-pjattaforma. Ħafna mill-kontenut qed issir mill-ħaddiema tal-Assoċjazzjoni u fejn qed ikun hemm bżonn ta' editing jew filmati dan qed jagħmluh l-NGOs stess bl-għajnuna ta' xi kuntratturi li l-Assoċjazzjoni ġili ħadmet magħhom.

32.5.8 Il-President semma li għaddejjin f' kuntatt mat-tim tal-program edukattiv Għaqal id-Dar. Dan bl-iskop li jitellgħu clips fuq il-Pjattaforma fejn jgħinu lill-Membri fis-sitwazzjoni li qegħdin fiha. Il-President semma li hawn hekk ser ikunu involuti l-għalliema tal-Home Economics kif ukoll irid jinxtara xi materjal biex dawn ikunu jistgħu jittellgħu u għaldaqstant jista' jkun hemm xi spejjeż involuti.

32.5.9 Il-President semma wkoll li kull nhar ta' Tnejn fl-16:00 ser jibda jkun hemm diskussjoni live fuq il-Pjattaforma fejn għaliha ser ikunu mistiedna President Reġjoanli, Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi.

## 32.6 Proposta Emendata mir-Reġjun Ċentru għall-Fondi tal-LESA

32.6.1 Il-President semma li minħabba ċ-ċirkustanzi li għaddejjin minnhom ir-Reġjun Ċentru talab li jkun hemm emenda fil-ptoposta li kienet diġa ġiet sottomessa sabiex ir-Reġjun ikun jista' jorganizza korsijiet online.

32.6.2 Is-Sur Michael Fenech Adami semma li dawn il-korsijiet online li qed jorganizza r-Reġjun qed ikun ta' suċċess u li issa dawn il-korsijiet huma miftuħa għar-residenti kollha ta' Malta u Għawdex u mhux biss għal dawk ir-residenti li jappartjenu lir-Reġjun.

32.6.3 Fuq proposta tal-President, issekondata minn Dr. Samuel Azzopardi, l-Eżekuttiv approva l-proposta hekk kif preżentata.

## 32.7 Komunikazzjoni mill-President

| | |
|---|---|
| **32.7.1 Sospensjoni ta' Servizzi mogħtija minn Kuntratturi lill-AKL** | Il-President semma li minħabba s-sitewazzjoni li għaddejjin minnha, l-Assoċjazzjoni rat x' servizzi mhux qed tutilizza u li għandhom ftehim kuntrattwali mal-Assoċjazzjoni u li għalissa dawn is-servizzi ġew sospiżi u għaldaqstant l-Assoċjazzjoni mhux ser tkun qed tħallas għalihom. |
| **32.7.2 Rapport Finanzjaru 2019** | Il-President semma minkejja li l-Uditjar tal-AKL ijlu lest minn Frar, ir-rapport ma setax jiġi preżentat waqt din il-laqgħa peress li l-Udituri għadhom a batgħux ir-rapport finanzjaru tas-sena 2019 uditjat. Dan minħabba li l-udituri |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

reidu jadottaw IFRS 16 li huma gwidi li daħlu fis-seħħ minn Jannar 2019 u dan jirrikjedu li kull tip ta' assi li l-entita' tikri mingħand terzi iridu jiġu inklużi anki f' depreciation. Għaldaqstnat, l-AKL qed f' kunattt anki mal-APS sabiex dan ikun jista' jgħatu r-rata ta' self fuq dawk l-ammonti. Il-President semma li sal-laqgħa li jmiss kemm ir-rapport tal-aħħar tas-sena 2019 kif ukoll ir-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart tas-sena 2020.
Fid-dawl ta' dan kollu l-President semma li IFRS16 tista' tkun qed titfa' lill-Kunsilli f' dejn fittizju. Għaldaqstant, din il-materja ser ikun qed jiddiskutijha kemm mad-Diviżjoni kif ukoll mal-NAO.

**32.7.3 Inizjattivi mill-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali waqt il-Covid 19**

Il-President semma li talab formalment lill-Ministru għall-Gvern Lokali sabiex bħalma jsir minn bosta Ministeri oħra issiru clips pubbliċitarji b' dak li qed jagħmlu l-Kunsilli Lokali għar-residenti f'dawn il-jiem. Il-President semma li l-Ministru laqa' din it-talba u għaldaqstant l-AKL qed tiġbor lista ta' inizjattivi li l-Kunsilli Lokali qed itellgħu fuq il-pjattaforma YouSafe kif ukoll fuq il-Facebook page tal-Kunsill rispettiv. Semma li l-informazzjoni miġbura mill-AKL qed tiġi ikkonfermata mas-Sindki individwalment.

**32.7.4 Proġetti tal-Kunsilli Lokali mill-Fondi tal-LESA**

Il-President semma li fid-dawl ta' dan kollu li għaddejjin minnu għandu jiġi ikkomunikat mal-Kunsilli Lokali sabiex tingħata estensjoni taż-żmien li fih isiru l-proġetti kif ukoll jibdew jitħalsu dawk il-Kunsilli li qed jibgħatu r-rapporti finali ta'

**32.7.5 FAR – tabelli**

Il-President semma li l-AKL ser ikollha tiddisponi minn żewġ tabelli li kienu imwaħħlin fuq barra tal-binja u li dawn kienu għaddhom bil-logo l-antik tal-AKL.

**32.7.6 Ħaddiema AKL**

Il-President semma li minħabba s-sitwazzjoni li għaddejjin minnha bħal issa l-impjegati tal-AKL ġew offruti t-teleworking, dan seta' jsor minħabba s-sistema tal-IT tal-AKL tippermetti dan. Semma li l-maġġoranza tal-ħaddiema qed ikunu xogħol mid-dar kuljumm għajr għal xi jiem li jidħlu jaħdmu mill-uffiċju. Semma li fid-dawl ta' dan l-impjegati intalbu jieħdu jumejn leave fix-xahar sabiex il-leave ma jiġix akkumulat kif is-sitwazzjoni terġa tiġi lura għan-normal.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**32.7.7 Iffumugar u tindif tal-binja kollha**

Il-President semma li kif kien ġie kkomunikatmal-Eżekuttiv permezz ta' korrispondenza elettronika, l-AKL iffumugat u għamlet sanitasation tal-binja kollha inkluż il-parkeġġ.

**32.7.8 Webinars**

Il-President semma li qed ikunu hemm numru ta' Webinars organizzati minn Assoċjazzjonijiet li l-AKL hija affiljata magħhom. Dawn il-webinars qed jiġu ikkomunikati anki mal-Kunsilliera sabiex jipparteċipaw. Il-President semma li waqt sessjoni organizzata mil-ALDA kien hemm diversi kunsilliera li taw anki l-kontribut tagħhom.

**32.7.9 Proġett flimkien ta' TCTC**

Il-President semma li qiegħed f' kuntatt ma' TCTC fejn qed jara l-possibilita' li jitħejjew mini clips ta' kif issiru ħlasijiet online minn diversi siti bħal Lands, ARMS, Housing, LESA etċ. L-iskop li dawn il-clips jitellgħu fuq il-Pjattaforma YouSafe sabiex iservu ta' informazzjoni għal dawk li jixtiequ jużawhom. Il-President semma li dan is-servizz m'hu ser ikun qed jirrikjedi l-ebda spiża lill-AKL.

**32.8 Affarjiet oħra**

**32.8.1 Ħalsijiet ta' pagamenti b' trasferiment bankarju**

Chev. Farrugia xtaq jikkonferma jekk fis-sitwazzjoni jistgħux il-pagamenti kollha jsiru permezz ta' trasferiment bankarju.
Il-President semma li ssir l-iskeda b' mod normali u l-pagamenti jistgħu jsiru b' trasferiment bankarju fid-dawl taċ-ċrikostanzi li għaddejjin minnhom.
Dr. Azzopardi semma li l-iskeda għandha tiġi stampata fuq letterhead tar-Reġjun/ Kunsill u jiġi indikat li dawk il-pagamenti saru b' trasferiment bankarju. L-istess dokument għandu jkun iffirmat mill-President/ Sindku u Segretarju Eżdekuttiv. Dan għandu jinżamm bħala referenza li dawk it-traferimenti kienu awtorizzati miż-żewġ partijiet.

**32.9 Aġġornament**

32.9.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 7 ta' Mejju 2020 fil-ħamsa ta' filgħaxija.

Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Lianne Mifsud**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.33 li nżammet nhar il-Ħamis, 7 ta' Mejju 2020.

**Mario Fava**
**President**